# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru erbgħin (40) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru, 2009, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fit-8:15pm, minkejja li kienet skedata għas-7:00pm peress li l-Kunsill iltaqa' ma' rappreżentanti tal-*Greenpak Malta Ltd*.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-**sindku** qal it-talba u **ppresjeda l-laqgħa**.

2. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti ittieħdu bħala moqrija, kienu approvati bil-korrezzjonijiet li jidhru fuq il-kopja oriġinali u ffirmati.

3. Madankollu ġie deċiż li paragrafu numru 1, jiġifieri dwar il-**propost żvilupp bejn Sqaq l-Isptar, Triq Santa Katerina u Triq San Innoċenzju**, propju il-laqgħa li kellu l-kunsill ma' persuna li rrimarkat dwar id-deċiżjoni tal-Ombudsman tal-*MEPA*, ma jitħallewx uffiċjalment fil-minuti tal-kunsill iżda jinżammu separatament minkejja li dan kien *item* fuq l-aġenda. Għaldaqstant il-proposti għall-minuti magħmula aktar kmieni minn Nicholas Briffa permezz ta' *e-mail* li kien bagħat matul il-jum fejn skuża ruħu li ma setax jattendi għal din il-laqgħa, se jitniżżlu fil-laqgħa separata li nżammet fl-uffiċċju qabel ma kienet bdiet is-seduta preċedenti. Is-segretarju eżekuttiv kien avżat biex minuti ta' laqgħat bħal dawn jinżammu separtament minn dawk tal-kunsill, peress li ġieli jsiru x'ħin ikunu sospiżi s-seduti tal-kunsill. Għaldaqstant biex ikun jista' jsir dan, dawn il-laqgħat lanqas se jkunu parti mill-aġenda, iżda jkunu addenda tagħha.

4. Għaldaqstant, il-**laqgħa** li kellu llum il-kunsill propju fis-7.00pm **mal-*Greenpak*,** dwar is-separazzjoni tal-iskart u l-irkupru ta' dak riċiklabbli, mhix qed tkun irrekordjata f'dan il-minuti.

Punti mill-Minuti.

5. Issemmew il-kwotazzjonijiet għall-***coffee morning*** li se jkun organizzat mill-kunsill. Grace Marie Mallia kienet tatna stimi ta' €3 kull persuna, li issa se jkun organizzat wara l-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena fil-Lukanda Plaza, tas-Sliema.

6. Is-sindku ta dettalji dwar laqgħa li saret għas-sindki, fejn semma li l-gvern ċentrali se jkun qed jiddisponi minn €2,000,000 sabiex isir **tisbieħ ta' pjazez**. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal li l-proposta ta' tisbieh tal-Pjazza Ġublew tad-Djamanti, jista' jkun li ma tikkwalifikax jekk mhux se jkunu kkunsidrati siti li m'humiex fl-*Urban Conservation Area* bħal per eżempju dik tal-Knisja jew ta' quddiem il-*Youth Centre*.

7. Permezz ta' din il-laqgħa, is-sindku kien infurmat ukoll dwar il-***co-financing fund*, il-*community works scheme***, skema ġdida għall-kunsilli lokali fejn se jsir użu ta' studenti universitarji, il-***commuted parking scheme***, u l-proġetti pilota tal-Kunsill Lokali Mqabba ta' **kisi ta' toroq bit-tarmak** fejn il-kunsill se jingħata faċilità li jissellef flus minn bank lokali, u dwar il-***private public partnership*.** Dwar dan, is-sindku qal li l-kuntrattur irid joħroġ il-flus hu ukoll biex imbgħad ikun hemm *commitment* minn naħa tiegħu li jmantni t-triq għall-għaxar snin ta' wara.

8. Is-sindku u s-segretarju eżekuttiv se jkunu mistiedna sabiex nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, 2009 jattendu għal-laqgħa fil-Kunsill Lokali Żurrieq dwar **il-kisi ta' Triq Valletta, Żurrieq**. Hu mifhum illi dan se jimplika l-għoti ta' tarmak fi Triq l-Imqabba kif ukoll Triq Ħal Kirkop Mqabba.

9. Is-sindku qal ukoll li għad hemm l-intenzjoni li jsir l-***extensive patching*** fil-bidu ta' **Triq Valletta** u partijiet ta' **Triq il-Konvoj ta' Santa Marija** mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

10. Dwar il-**mawra tal-ET il-President ta' Malta**, George Abela u s-Sinjura fostna, fl-24 ta' Jannar 2010, il-Kunsill Lokali Mqabba m'għandux aktar dettalji milli jaf s'issa. Wieħed japprezza l-impenn kbir tal-Uffiċċju tal-Presidenza fejn l-attenzjoni bħal issa hija ffukata fuq il-kampanja 'L-ISTRINA' aktar milli fuq ħaġa oħra. Intant kien deċiż li jkunu offruti €50 lira fl-istess kampanja meta s-sindku jkun mistieden iwieġeb it-telefon, filwaqt li jkun qed jirrappreżenta lill-Imqabba, kif ukoll €50 oħra meta l-ET iżurna fl-Imqabba.

11. Saret **laqgħa mal-istudenti adulti** li se jkunu mgħallma l-Malti u l-Ingliż bażiku fil-faċilitajiet tal-Isptar il-Qadim. F'din il-laqgħa li attendew għaliha s-sindku u s-segretarju eżekuttiv l-applikanti kienu infurmati illi għandhom iħallsu depożitu rifondibbli ta' €50 kull wieħed li jkun depożitat lura lilhom a bażi tal-attendenza tagħhom. Dan id-depożitu s'issa tħallas biss minn erba' persuni.

12. Minkejja li s-sindku stieden lis-segretarju eżekuttiv sabiex jimla' r-**rapport tal-Unjoni Ewropeja** biex il-kunsill ikun jista' jieħu l-fondi lura għall-attività "l-Imqabba mal-Medda taż-Żmien", issa li ntemm kollox biż-żamma ta' *workshop* nhar is-Sibt, 12 ta' Diċembru 2009, inġibdet l-attenzjoni mis-segretarju eżekuttiv illi dan hu xogħol il-*MEUSAC* li għandhom nies imħarrġin apposta għal dan il-għan.

13. Minkejja li saret il-**preżentazzjoni tal-*Greenpak***, dwar l-inizjattiva mill-Kunsill Lokali Mqabba biex inħeġġu lin-nies jisseparaw aktar, is-segretarju eżekuttiv talab kopja tal-*power point show* għall-benefiċċju tal-kunsillieri nieqsa llejla; Nicholas Briffa u Charles Farrugia.

14. Dwar l-attivitajiet tal-Milied mill-Kunsill Lokali Mqabba issa kien deċiż illi nhar il-21 ta' Diċembru 2009 l-kunsill jiltaqa' fir-**Residenza San Vinċenz de Paul** fl-4.30pm. Hemmhekk se nżuru ħmistax-il persuna li se nagħtuhom rigal ċkejken li se jikkonsisti f'xugaman. Hawn, bħal issa, għandna rikoverati għaxar nisa u ħamest irġiel Imqabbin.

15. Għaż-żjara lill-priġunieri fil-**Faċilità Korrettiva ta' Kordin,** nhar is-17 ta' Diċembru, 2009, se mmorru fit-3:30pm, u s-segretarju eżekuttiv se jiċċekkja jekk nistgħux nagħtuhom *token*.

16. Dwar il-konkors **Ġieh l-Imqabba** kif se jkun imħabbar fil-fuljett tal-kunsill li se joħroġ minn hawn u ftit ġranet oħra, is-sindku jaħseb li l-kontestanti se jkollhom żmien biżżejjed sabiex jissottomettu x-xogħol tagħhom, għaliex se jkun fadal xahar u nofs. Dwar dan qablu miegħu iż-żewġ kunsillieri l-oħra u għaldaqstant mhu se jinbidel xejn mill-fuljett ħarġa disgħa u erbgħin (49) li issa se jgħaddi għall-istampar.

17. Il-kunsill se jorganizza t-**tqassim tar-rigali** minn *Father Christmas* nhar il-Ħadd, filgħodu 27 ta' Diċembru, 2009. Is-sindku qal li l-viċi sindku se jipprovdielna żiemel u l-karettun kif ukoll l-istess *Father Christmas* biex ikun jista' jsir dan. Dwar ir-rigali, is-sindku qal li hu irnexxielu jġib €200 mingħand il-kuntrattu *C & S Services Ltd*, kif ukoll somom oħra mingħand il-kuntrattur *C & G Hardware Store* kif ukoll *Asfaltar Ltd*.

18. Għadna nissieltu biex l-awtoritajiet jifhmu li l-Kunsill Lokali Mqabba m'għandux il-fondi li jinstalla l-lift fil-Bini Muniċipali; mhux għax ma jridx. Dwar dan ktibna lid-Direttur Gvern

Lokali biex jiġu rilaxxati l-fondi li użajna għar-restawr tal-uffiċċju isfel li jingħad li kollox miżmum minħabba l-oġġezzjonijiet li għamlet il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità dwar l-**aċċessibilità tal-Bini Amministrattiv**.

19. Bħala riżultat tal-laqgħa ġenerali annwali tal-**GAL XLOKK** (*local action group*) li nżammet nhar l-14 ta' Diċembru 2009, is-sindku informa lill-kunsillieri preżenti li hu m'għadux fil-bord. Dan għaliex il-pożizzjoni tiegħu issa mtliet mis-Sindku ta' Marsascala is-Sur Mario Calleja. Hu rrimarka għall-kummenti tad-Direttur, is-Sur Joe Attard, li hu ukoll is-Sindku taż-Żejtun, fejn issemma li tinħass qasma bejn l-istess membri fi ħdan il-GAL XLOKK.

20. L-ewwel *item* li kien trattat fl-Aġenda, kien il-ħruġ ta' **permessi ta' makkinarju, *skips*, tqegħid ta' materjal (inkluż *scaffolding*) fit-toroq u attivitajiet.** Dawn il-permessi bil-liġi jiġu maħruġa mis-segretarju eżekuttiv u l-liġi tagħti erbgħa u għoxrin siegħa minn meta l-applikant jimla l-formula u joħroġ il-permess. Wara każ li nqala' fi Triq il-Parroċċa, kantuniera ma' Triq il-Fjuri, fejn is-sindku ikkontesta l-ħruġ ta' permess lis-segretarju eżekuttiv wara li dan kien diġà tħallas bil-metraġġ u ingħata, is-sindku esiġa li hu irid ikun ikkonsultat. Peress li matul il-ġurnata s-sindku ma jkunx l-uffiċċju, allura m'hux possibbli illi l-permessi jibqgħu jingħataw kif kienu jsiru qabel mil-lum għal-lum. Dan b'kuntrast mal-passat fejn l-applikant lanqas ma kien joqgħod jimla' l-formula tal-applikazzjoni, għaliex din kienet timtela' dak il-ħin mis-segretarju eżekuttiv u l-iskrivana. Għaldaqstant kellna nestendu l-ġranet għal jumejn biex jingħata ċans is-sindku jiffirma wara li jkun approva l-istess applikazzjoni. Il-kunsillieri nsistew li din tiġi ppubblikata fil-fuljett ħarġa 49. Dan wara li aktar kmieni huma kienu diġà approvaw il-materjal kollu li kellu jiġi stampat. Allura se jsir *flyer* addizzjonali li se jiddaħħal fil-fuljett biex il-pubbliku issa jkun mgħarraf b'dan, minkejja li bosta kuntratturi li japplikaw għal permessi ta' per eżempju *cranes,* m'humiex mir-raħal u mhux se jkollhom kopja tal-fuljett u l-*flyer*. Dwar dan, is-segretarju eżekuttiv qal li hu m'għandu l-ebda tort għal dawk li mhux se jibqgħu jinqdew kif kienu mdorrijjin qabel.

21. Aktar kmieni din is-sena l-kunsill ħa *sponsor* għar-restawr ta' statwa. Dan kien sar wara talba mis-segretarju eżekuttiv, lill-*HSBC*, meta kienet avviċinatu residenta fi Triq Valletta. Hekk kif inkunu infurmati li l-*HSBC* għamel ir-refużjoni, lill-*Agius Stone Works*, ir-restawraturi, se ngħaddu talba oħra li saritilna mis-sidien tad-dar li magħha hemm imwaħħla in-niċċa ta' San Mikiel fi Triq id-Duluri. **Din it-talba approvaha l-kunsill uffiċjalment waqt din is-seduta.** Iżda l-ewwel irridu naċċertaw ruħna li jkun imħallas l-ewwel kont. F'każ li t-talba tkun approvata wkoll mill-*HSBC*, irid jiġi diskuss l-iskemar tat-traffiku fil-perjodu tar-restawr f'każ li jkun hemm bżonn li jitwaqqaf *scaffolding* f'kantuniera daqshekk kerha f'din it-triq dejqa.

22. L-**ikla tal-kunsillieri** mhux se ssir fil-lukanda li kienet indikata mis-sindku aktar kmieni iżda f'*restaurant* ieħor indikat minnu f'din is-seduta, ġewwa Marsaxlokk, nhar l-10 ta' Jannar 2010.

23. Id-***drink*** li jkun organizzat kull sena għall-każini fejn fih ikunu mistiedna biss il-President u Segretarju (mingħajr il-*partners)* se jsir nhar it-23 ta' Diċembru 2009 fis-7.00pm ġewwa l-Isptar il-Qadim.

24. Kienu approvati l-***payment approval sheets 362 u 363***. Inqatgħet waħda mill-*items* imdaħħla doppji bi żball mill-iskrivani li juru l-ħlas tal-*mobile phone* tas-sindku għax-xahar ta' Ottubru, 2009 li jammonta għal €293.90, kif ukoll kien imdaħħal doppju bl-istess mod is-servizz ta' *PA system* li ingħata fuq il-Mentna fit-2 ta' Ottubru 2009 minn Charles Tanti, inqata' wkoll il-kont ta' Anthony Bezzina tal-pjanti li reġa' ddiżinja fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti għall-ammont ta' €1904.51 u ddaħħal il-kont ta' €115 li ħallas is-sindku lill-*Lidl* biex inxtraw l-inbid u l-gallettini li se jingħataw lil dawk li hu sejħilhom il-*key persons.* Dawn se jkunu imkebba mill-istaff tagħna fil-jiem li ġejjin.

25. F’punti oħra Grace Marie Mallia irrimarkat li l-lejla hija r-raba’ darba konsekuttiva li l-**viċi sindku m’attendiex għal-laqgħa tal-kunsill.** Is-sindku qal li dan joqgħod il-Mellieħa u mhux faċli li jinqala’ fil-maltemp minbarra li bħal issa hu mħabbat ħafna għaliex xogħolu hu li jiftaħ l-iskejjel ‘l hawn u ‘l hinn mal-Fondazzjoni għall-iskejjel t’għada.

26. Is-sindku rrefera għall-mistoqsija parlamentari li wieġeb is-segretarju eżekuttiv. Din kienet tittratta is-**self tal-kotba mil-librerija** tagħna minn Jannar sa Ottubru 2009, kienu ta’ 2642, li hija sostanzjali minkejja l-ftit interruzzjonijiet li kien hemm wara l-bidla fil-librara minn Jane Spiteri għal Bridget Saliba matul dan l-istess perjodu.

27. Is-sindku irrefera għall-ittra li rċieva s-segretarju eżekuttiv mill-Każin tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Hu qal li f’Jannar 2010, se **niltaqghu mal-każini** biex ikunu diskussi aħjar il-punti ta’ din l-ittra.

28. Is-sindku irrefera wkoll għat-talba li saret lill-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni permezz tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, biex ningħataw **ħames *refurbished computers*** għall-użu tal-librerija pubblika.

29. Is-sindku irrefera wkoll għall-ewwel kont ta’ Ottubru 2009 biex jitħallas il-***landfill tipping fee* tal-*Mixed Organic Waste*** li ntbgħat mill-*Waste Serv Malta Ltd*. Hu qal li waħda mir-raġunijiet taż-żieda fl-allokazzjoni finanzjarja kienet għal dan l-iskop.

30. Dwar l-istedina mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex is-sindku jagħti l**-awgurju fl-1 ta’ Jannar, 2010 lill-awtoritajiet ċivili tal-pajjiż**, is-sindku qal li hu se jkun indispost u se jitlob lill-viċi sindku jagħmel dan. Għaż-żjara lill-Mons Arċisqof, jistgħu ovjament jattendu l-kunsillieri kollha u qal li tajjeb li jsir dan għaliex hija okkażjoni sabiħa.

31. Is-sindku irrefera għat-talba li kien fassal is-segretarju eżekuttiv biex il-Kunsill Lokali tagħna jingħata fondi speċjali biex din tpatti għall-insostenibilità tal-**Infurzar tal-liġi** fl-Imqabba fejn **il-kunsill qed jitlef fondi kbar.** Din sfortunatament ma ġietx aċċettata mill-Bord tal-Għażla.

32. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fl-10:00pm u l-Kunsill Lokali Mqabba se jiltaqa’ ħmistax oħra fis-6:30pm bħas-soltu.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*11 /01 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |